**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 12 ta' Settembru 2021

**Il-Pulizija**
(Spettur Eman Hayman)

Vs

**Saida Agius Idy**
(Detentriċi tal-Karta tal-Identità numru: 703618L)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Saida Agius Idy**, u ċioè talli nhar il-11 ta' Settembru 2021 fil-ħinijiet ta' bejn is-1.00am u s-7.00am ġewwa San Pawl il-Baħar:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Ranier Agius f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ranier Agius, hekk kif iċċertifika Dr. Daniel Croucher mill-isptar Mater Dei;

2. Insulentat, heddedt jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Ranier Agius;

3. Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Ranier Agius jew, jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra l-akkużata a benefiċju ta' Ranier Agius u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' Ranier Agius jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-akkużata billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li l-Qorti tara xieraq u, jew torbot lill-akkużata b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tara xieraq;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll biex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, jerġa lura minnha.

Semgħet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tagħha wara li ddikjarat li ngħatat żmien suffiċjenti sabiex tirrikonsidra.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkonsidrat:-

Illi l-imputata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tinnota li l-każ preżenti jirrigwardja tilwima li l-imputata u r-raġel tagħha kellhom fil-fond fejn seħħ l-inċident. F'dan l-inċident, jirriżulta li l-imputata waddbet tazza mkissra fid-direzzjoni tal-*parte ċivile* liema tazza laqtitu f'idejħ u b'hekk seħħ dan l-inċident. Jirriżulta wkoll li waqt dan l-argument, anke l-imputat sfat mweġġa' kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku ppreżentat in atti.

Illi l-Qorti qieset li l-Fedina Penali tal-imputata hija inċensurata. Hi ammettiet fi stadju bikri tal-proċeduri u li kienet hi stess li, għalkemm b'mod anonimu, informat lill-pulizija b'dan l-inċident.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 214, 216, 222(1)(a), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha qed issib lill-istess **Saida Agius Idy <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u tikkundannha għal **sena (1) priġunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, hi tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Ranier Agius, il-Qorti qiegħda torbot lill-ħatja, cioe` lil **Saida Agius Idy** b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500) li ma tkellimx lill-istess Ranier Agius, bl-eċċezzjoni għal dak li huwa strettament neċessarju b'rabta mal-proċeduri ta' separazzjoni personali u dan għal żmien sena xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.

Tordna li l-atti tal-proċeduri, kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien mogħti għal daqshekk a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur.**